# Il-Kult tal-Verġni Mqaddsa fl-Opra Taljana

Alex Vella Gregory
B. Mus (Hons), FLCM

Is-Seklu 19 kien seklu diffiċli għar-reliġjon Kattolika. Ir-Rivoluzzjoni Industrijali kienet biddlet għal kollox lis-soċjetà Ewropea. In-nies bdiet tħalli l-irħula u l-għelieqi u tinġabar fl-ibliet taħdem fil-fabbriki f'kundizzjonijiet ħorox u għal ħinijiet twal. F'din is-soċjetà materjalista, l-importanza tal-knisja bdiet issoffri, speċjalment f'pajjiżi industrijalizzati bħall-Belġju, Franza u l-Italja ta' Fuq. Dan id-deklin beda jinħass fl-arti sagra, fejn ħafna artisti bdew jesploraw ġeneri u stili oħrajn. Fost dawn l-istili nsibu l-*verismo*, moviment letterarju li malajr inxtered f'forom t'arti oħrajn, fosthom l-opra.

L-opra bħala ġeneru ġie maħluq madwar is-sena 1600, meta grupp t'artisti u intelletwali Fjorentini magħrufa bħala l-*Camerata* bdew jesperimentaw b'forma ta' teatru kantat. L-ewwel mudell kienu d-drammi tal-Griegi tal-qedem, u għalhekk għal madwar 200 sena, l-opri kienu jittrattaw suġġetti mitoloġiċi jew inkella storiċi.

Iżda matul is-sekli 17 u 18 nibet ukoll il-ġeneru tal-Oratorju, forma t'opra sagra li kienet titkanta fil-knejjes mingħajr palk u xenarji. Għalhekk filwaqt li l-aristokrazija kienet tiffinanzja l-opra, il-knisja kienet tipproponi l-oratorji. Għal żewġ sekli sħaħ dawn iż-żewġ forom mużikali kkonvivew fix-xena kulturali Ewropea.

Kien minħabba din id-distinzjoni li elementi sagri ftit li xejn kienu jidħlu fid-dinja operistika tas-sekli 17 u 18. Kien hemm parametri ċari bejn dak li hu sagru u dak li hu profan, u għaldaqstant l-opera Barokka żżomm 'il bogħod minn kull forma t'elementi sagri. L-opra Barokka kienet tirrakonta stejjer mitoloġiċi jew storiċi li kienu jżommu 'l bogħod mir-reliġjon. Din ir-realta mużikali baqgħet tgħodd sal-bidu tas-seklu 19, fejn insibu kif anke l-opri ta' Rossini, Donizetti u Bellini kienu jżommu 'l bogħod minn elementi reliġjużi, minkejja xi eċċezzjonijiet.

Ħafna drabi l-elementi 'reliġjużi' kienu jkunu marbuta ma' rakkonti bibbliċi. Insibu eżempju l-opri *Ciro in Babilonia* (1812) u *Mosè in Egitto* (1818) ta' Gioacchino Rossini (1792 - 1868). Dawn l-opri ħafna drabi kienu jittellgħu apposta fi żmien ir-Randan, għaliex fl-Italja dak iż-żmien ma kienux jittellgħu opri fir-Randan. F'każijiet bħal dawn insibu li l-istorja kienet tiġi mżejjna b'elementi romantiċi li ma kienux jinsabu fir-rakkont oriġinali sabiex drammatikament ix-xogħol ikun iktar interessanti.

Li hemm interessanti huwa li bil-mod il-mod beda jidħol fl-opra l-kult Marjan. Minn xeni ta' talb kollettiv lil Alla (bħal fl-opri li semmejna), nibdew insibu xeni speċifikament indirizzati lill-Verġni Mqaddsa. Din il-figura ta' Marija hija waħda pjuttost konsistenti fl-opra Taljana: dik ta' interlokutriċi m'Alla, u l-figura li l-karattri fl-istorja jirrikorru għaliha fl-għawġ. Ta' min jinnota li l-karattri ma jirrikorru għand l-ebda qaddis ieħor ħlief Marija. Dan juri l-post privileġġat li tgawdi Marija fil-kultura Taljana.

### Scena Preghiera: Talb lill-Marija fl-opra Verdjana


*Giuseppe Verdi*

Giuseppe Verdi (1813 - 1901) huwa bla dubju l-akbar figura fejn tidħol l-opra Taljana tas-seklu 19. F'idejn Verdi l-opra Rossinjana ħadet xeħta ġdida, u dejjem iktar drammatika. Verdi ma kienx partikolarment reliġjuż. Ir-relazzjoni li kellu mas-sopran Giuseppina Strepponi kienet ġabitlu kritika minn ħafna nies. Strepponi, minkejja li kienet sopran rinomata, kellha ħajja personali daqxejn imħarbta u s-soċjetà Taljana ta' dak iż-żmien kienet tqis ir-rapport bejn Verdi u Strepponi bħala wieħed immorali.

Minkejja dan, Verdi xorta waħda baqa' jħaddan fidi personali, u xhieda ta' dan għandna grupp żgħir iżda importanti ta' xogħlijiet sagri (bħar-*Requiem*, l-*Ave Maria*, eċċ) u x-xeni mqanqlin ta' talb fl-opri tiegħu. Dawn ix-xeni kollha għandhom element komuni. Drammatikament dejjem issibhom fil-punt meta karattru femminili ewlieni fl-istorja ssib ruħha f'pożizzjoni diffiċli u tirrikorri għall-għajnuna tal-Madonna biex teħlisha mill-għawġ. Il-karattri Verdjani huma nies tad-demm u l-laħam, u bla dubju Verdi jħoss li bħala bnedmin fallibli għandhom bżonn tal-interċessjoni t'Ommna Marija biex jaffaċjaw il-ħajja. Il-Madonna fl-opra Verdjana għalhekk tirrappreżenta l-element femminili li jressaqna aktar viċin lejn dak li hu perfett u divin.

Sa mill-bidu tal-karriera tiegħu Verdi beda jdaħħal dan l-element reliġjuż, u għalhekk f'waħda mill-

ewwel opri tiegħu, *I Lombardi alla Prima Crociata* (1843), insibu l-ewwel xena kbira li tinvolvi talba lill-Madonna. Fit-tieni xena tal-ewwel att Giselda titlob lill-Verġni Mqaddsa għall-għajnuna meta tibda tissuspetta li zijuwha Pagano qed iħaddan ħsibijiet koroh ta' vendetta kontra missierha Arvino.

Dawn it-tip ta' *scena preghiera* jisparixxu mix-xogħol ta' Verdi għal diversi opri. Xorta waħda kien hemm elementi qawwija reliġjużi, u opri bħal *Giovanna d'Arco* (1845) u *I Vespri Siciliani* (1855) għandhom elementi qawwija reliġjużi. però iridu naqbżu għall-opra minn tal-aħħar biex insibu xena kbira importanti ddedikata lill-Verġni Marija.

*La Forza del Destino* ittellgħet għall-ewwel darba fl-1862. Leonora ssir tħobb lil Don Alvaro, nobbli Spanjol li però għandu dixxendenza minn tribu tal-Amerka t'Isfel, minkejja li missierha jopponi din ir-relazzjoni. Don Alvaro bi żball joqtol lil missier Leonora f'argument u jispiċċa maħrub. Leonora ssib rifuġju ġewwa monasteru, u propju f'din ix-xena nsibu waħda mill-isbaħ talbiet lill-Verġni Mqaddsa fl-opra, ċioè l-'Madre pietosa vergine'.

Apparti l-ġmiel ta' melodija u l-orkestrazzjoni drammatika li takkumpanjaha, Verdi jdaħħal ukoll kor tal-patrijiet jintona kant Gregorjan mill-bogħod.

Kien f'waħda mill-aħħar opri tiegħu, preċiżament fl-*Otello* (1887), li Verdi kiteb l-akbar xena ta' talb lill-Madonna fl-opri tiegħu. Verdi minn dejjem kellu ammirazzjoni kbira lejn Shakespeare, u fl-1847 kien diġà kiteb il-*Macbeto* bbażata fuq id-dramm ta' Shakespeare. Filwaqt li f'*Macbeto* huwa żamm ħafna mal-istorja oriġinali ta' Shakespeare, fl-aħħar att tal-*Otello* Verdi jdaħħal l-*Ave Maria*, xena li ma tinsabx fl-oriġinal. Mhux talli hija żieda minn naħa ta' Verdi, talli anke l-kliem mhuwiex dak tal-Ave Maria li nafu aħna. Ta' min li wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn dawn il-kliem għaliex huma tassew kliem sbieħ li fis-sempliċità tagħhom iwasslu messaġġ qawwi.

*Ave Maria, piena di grazia, eletta*
*fra le spose e le vergini sei tu,*
*sia benedetto il frutto, o benedetta,*
*di tue materne viscere, Gesù.*
*Prega per chi adorando a te si prostra,*
*prega pel peccator, per l'innocente,*
*e pel debole oppresso e pel possente,*
*misero anch'esso, tua pietà dimostra.*
*Prega per chi sotto l'oltraggio piega*
*la fronte e sotto la malvagia sorte;*
*per noi tu prega, prega sempre*
*e nell'ora della morte nostra,*
*prega per noi.. Ave Maria...*
*nell'ora della morte.*
*Ave!.. Amen!(Otello, Att IV)*

Sliem għalik Marija, mimliija bil-grazzja, magħżula
fost l-għarajjes u x-xebbiet
Ikun imbierek, o (verġni) mbierka,
il-frott tal-ġuf matern tiegħek, Ġesù.
Itlob għal kull min jinxteħet jitlob quddiemek
itlob għall-midneb, għall-innoċenti
u għal min hu magħkus, u għal min hu qawwi
għax anke hu miżerabbli, uri l-ħniena tiegħek.
Itlob għal min jogħtor taħt l-inkwiet,
u fix-xorti ħażina
Itlob għalina dejjem
u fis-siegħa tal-mewt tagħna
Itlob għalina... Sliem Marija...
Fis-siegħa tal-mewt tagħna..
Sliem! Ammen!


*Amilcare Ponchielli*

Verdi ftit li xejn kellu kompetizzjoni minn kompożituri Taljani oħrajn, u bla dubju ħadd ma kien daqshekk produttiv daqsu. Minkejja dan, insibu kompożituri bħal Amilcare Ponchielli (1834 – 1886) li kiteb xogħlijiet influwenzati mill-mudell Verdjan. Ponchielli kiteb biss opra waħda li laħqet il-livell ta' fama tal-opri ta' Verdi, u din hi *La Gioconda* (1876).

Element importanti fl-istorja huwa kuruna tar-rużarju. Din il-kuruna tar-rużarju tibqa' titfaċċa matul l-opra kollha, u saħansitra ssalva ħajjet waħda mill-karattri. Lejn l-aħħar tal-opra nsibu xena fejn La Gioconda (il-karattru prinċipali tal-opra), sabiex teħles lil ħabibitha mill-mewt taċċetta l-avvanzi ta' ċertu Barnaba, raġel li hi tistmerr. Tant hija tistmerru


*L'Ave Maria mill-Otello (Vienna Staatsoper, 2013)*

li tippreferi t-triq tas-suwiċidju milli tad-diżunur karnali. Eżatt qabel tneħħi ħajjitha hija tagħmel talba lil Marija Santissima, fejn titlobha l-maħfra. Minkejja l-paralleli mal-aħħar xena tal-*Otello* din l-opra fil-fatt inkitbet qabel. Għalhekk jekk wieħed jikkumpara ż-żewġ xogħlijiet jista' jara kif Verdi pperfezzjona din it-tip ta' xena drammatika.

**Il-Veriżmu: Il-Kult Marjan Popolari bħala parti integrali fid-dramm**

Lejn it-tieni nofs tas-seklu 19 l-artisti Taljani bdew joqorbu iktar lejn l-idea ta' realiżmu. Verdi stess kien ħoloq karattri bħal Violetta (*La Traviata)*, Azucena (*Il Trovatore*) u Rigoletto (*Rigoletto*). Dawn kienu novità fuq il-palk operistiku Taljan għax kienu nies 'komuni', mhux is-soltu rejiet u prinċipessi u gwerriera. Kien għalhekk żvilupp naturali ħafna li fl-Italja nibet il-moviment tal-*verismo*.

Il-veriżmu kien stil li kien ifittex l-ispirazzjoni mill-klassijiet soċjali l-iktar 'baxxi'; bdiewa, ħaddiema u raħħala - nies li qabel ma kienux ikunu protagonisti ta' xogħlijiet letterarji. Kittieba bħal Giovanni Verga (1840 - 1922) u Luigi Capuana (1839 - 1915) kienu qed joħolqu serje ta' eroj ġodda; nies ordinarji fi stejjer straordinarji. U ma' dawn il-karattri nsibu wkoll id-devozzjonijiet popolari li joħorġu b'tant saħħa f'dawn l-istejjer. Ħafna minn dawn l-istejjer kienu ambjentati fl-Italja t'isfel fejn id-devozzjonijiet reliġjużi minn dejjem kellhom xejra tixbaħ ħafna lill-festi tagħna. Fost dawn jiddominaw il-kulti Marjani, u f'idejn il-moviment verista l-kult Marjan jieħu importanza letterarja kbira.

Sakemm il-veriżmu laħaq il-qofol tiegħu, Verdi kien diġà immatura bħala kompożitur u għaldaqstant kien imiss ġenerazzjoni ġdida sabiex iddaħħal il-veriżmu fid-dinja tal-opra. Il-kompożitur li għamel dan kien Pietro Mascagni (1863 - 1945).


*Pietro Mascagni*

Fl-1890 Mascagni ġab il-veriżmu fuq il-palk operistiku permezz tal-*Cavalleria Rusticana*, storja ta' mħabba ambjentata f'raħal żgħir fi Sqallija. L-azzjoni sseħħ nhar il-Għid filgħodu, u fix-xena ċentrali tal-opra nsibu lil Santuzza, li ġiet skomunikata minħabba relazzjoni illeċita li kellha, titlob lill-Madonna barra l-knisja. Filwaqt li fl-opra Verdjana t-talb lejn il-Madonna huwa att personali li jseħħ fil-privat, hawnhekk ix-xena tiżvolġi fil-pjazza ċentrali. Il-kongregazzjoni tintona r-*Regina coeli* minn ġol-knisja u Santuzza, kważi bi sfida, tkompli magħhom minn barra l-knisja.

Minkejja s-suċċess tal-*Cavalleria Rusticana*, Mascagni malajr abbanduna l-veriżmu fl-opri tiegħu. Madankollu s-suċċess tal-*Cavalleria* ispira lill-kompożitur żagħżugħ ieħor, Ruggiero Leoncavallo (1857 - 1919). Leoncavallo segwa l-passi ta' Mascagni u fl-1892 kiteb *I Pagliacci*. L-istorja tal-*Pagliacci* sseħħ propju nhar Santa Marija. Ir-raħal kollu jinsab f'festa, u n-nies tinġabar biex tara grupp t'atturi jirreċtaw fil-pjazza, mingħajr ma jafu li l-kummiedja li għaliha ser jassistu malajr ser tinbidel fi traġedja. Din id-darba m'hemmx xeni ta' talb personali, iżda l-idea ta' komunità magħquda f'din il-festa solenni u importanti. Dan kollu jagħmel it-traġedja tal-final tal-opra iktar xokkanti f'jum bħal dan.


*Ruggiero Leoncavallo*

Il-veriżmu operistiku kellu ħajja qasira. Il-kompożituri stess irrealizzaw li l-melodrama mużikali kienet tikkontradixxi l-prinċipji bażi tal-veriżmu nnifsu, għaliex ngħiduha kif inhi, l-ħajja reali fl-Italja t'isfel fi tmiem is-seklu 19 ma kinitx la melodjuża jew armonjuża bħall-opri!

**Puccini**

Il-bidu tas-seklu għoxrin ġab miegħu progress dejjem iktar mgħaġġel, u l-ideat tal-moviment verista bdew jinħassu antikwati f'dinja li kienet dejjem iktar tiddependi fuq it-teknoloġija. Kien ukoll iż-żmien li fih twieldet ix-xjenza medika tal-psikoloġija, u ħafna artisti bdew dejjem ifittxu iktar fil-fond fl-arti tagħhom. Fid-dinja tal-opra dan wassal għal xogħlijiet li jesploraw dejjem iktar fil-fond fil-moħħ tal-bniedem.


*Giacomo Puccini*

Hija għalhekk sorpriża li nsibu kompożitur 'modern' bħal Giacomo Puccini (1858 – 1924) li fix-xogħlijiet tiegħu jintegra elementi ta' devozzjoni Marjana. Dan il-kompożitur kien magħruf għall-ħajja mgħaġġla tiegħu, u għall-'imħabba' li kellu lejn in-nisa u l-karozzi. Madankollu, f'diversi opri minn tiegħu nsibu mumenti fejn il-figura ta' Marija Santissima tispikka f'mumenti diffiċli.

Puccini kiseb l-ewwel suċċess tiegħu b'*Manon Lescaut* (1893), iżda l-ewwel opra kbira tiegħu kienet *La Boheme* (1896). L-istorja ta' din l-opra hija waħda sempliċi iżda sabiħa. Grupp ta' ħbieb foqra li jgħaddu minn mumenti sbieħ u koroh, u li dejjem isibu lil xulxin. Mhumiex grupp ta' nies partikolarment

reliġjużi, u Mimi, karattur prinċipali, tistqarr li ma tmurx quddies ta' spiss, iżda titlob ħafna. It-tieni karattru femminili l-aktar importanti hu dak ta' Musetta. Jekk Mimi kienet titlob ħafna, ma nieħdux l-istess impressjoni ta' Musetta.

Iżda fl-aħħar att, meta Mimi tkun qed tmut, insibu lil Musetta weħidha f'rokna tal-kamra titlob lil Madonna. Hija talba qasira u sempliċi, iżda turi l-ġenwinita tal-ġest tagħha. Ta' min hawnhekk wieħed jirriproduċi parti minn din it-talba.

| | |
|---|---|
| *Madonna santa, io sono* | Imqaddsa Marija, jiena |
| *indegna di perdono,* | ma jistħoqqlix maħfra |
| *mentre invece Mimì* | Filwaqt li Mimi |
| *è un angelo del cielo.* | Hija anġlu tal-ġenna. |

(*La Boheme*, Att IV)

Eżatt wara *La Boheme*, Puccini kiteb *Tosca* (1900), opra fejn l-element reliġjuż kien wieħed iktar qawwi minn qatt qabel. L-ewwel att kollu jseħħ fi knisja, u t-*Te Deum* li jagħlaq l-ewwel att huwa kapulavur fih inniffsu. Fit-tieni att insibu lil Tosca titlob lil Alla f'mument diffiċli permezz tal-arja ċelebri 'Vissi d'arte'. Hawnhekk ukoll insibu mument ta' devozzjoni Marjana, minkejja t-ton ta' disperazzjoni tagħha. Tosca, li kienet kantanta ċelebri, offriet leħinha lil Alla u b'ġidha sebbħet il-mant ta' Marija. Issa fil-mument ta' kriżi qed titlob l-għajnuna.



*Suor Angelica (Birmingham Conservatoire, 2012)*

L-aħħar 'opra' kompluta li ħallielna Puccini hija l-famuż *Trittico* (1918); serje ta' tliet opri qosra, waħda differenti minn l-oħra. Wieħed jista' jgħid li f'dawn it-tliet opri nsibu t-tliet elementi importanti tal-arti Puċċinjana; il-melodrama (*Il Tabarro*), il-kummiedka (*Gianni Schicchi*) u l-ispiritwalita (*Suor Angelica*). Hija din tal-aħħar li tinteressana.

*Suor Angelica* hija opra partikolari fost ix-xogħlijiet ta' Puccini. Minkejja l-elementi reliġjużi li jitfaċċaw fl-opri l-oħra, din hi l-unika opra tiegħu li tittratta suġġett sagru. Suor Angelica hija soru f'monasteru tal-klawsura. Matul l-opra niskopru kif meta kienet iżgħar hi kienet ħarġet tqila, familtha ħadula t-tifel u sakkruha f'monasteru. Hi ssir taf mingħand zijitha li binha kien miet u fid-disperazzjoni tixrob il-velenu. Hekk kif tixorbu tinduna bid-dnub li tkun wettqet u tinxteħet titlob lill-Madonna għall-maħfra. L-opra tispiċċa b'dehra Marjana fejn il-Madonna tippreżentala lil binha l-mejjet bħala sinjal ta' maħfra.

Ħafna kritiċi jsibuha diffiċli jirrikonċiljaw il-karattru ta' Puccini u x-xogħlijiet tant 'umani' tiegħu mal-istorja ta' *Suor Angelica*. Ta' min wieħed jirrimarka li fl-opri ta' Puccini huma l-karattri nisa li jiddominaw, u ftit huma l-karattri rġiel b'saħħithom. Ir-riferenzi għall-kult Marjan huma għalhekk manifestazzjoni fuq livell spiritwali tal-interess tiegħu fl-element femminili. Forsi l-aħjar mod kif inħarsu lejha hi bħala parabbola kbira: Puccini, bniedem li jista' jidher materjalista, xorta waħda għandu spiritwalità fix-xogħol tiegħu li jesprimi tant sew fil-figura ta' Marija Santissima, spiritwalità li tilħaq il-qofol tagħha fi *Suor Angelica*.

## Wolf Ferrari: Ġawhar Imqaddes u Sagrileġġ



*Ermanno Wolf Ferrari*

Forsi kien xieraq li ngħalaq b'Puccini, l-aħħar ġgant tal-opra Taljana, però hemm xogħol ieħor mhux magħruf fejn il-kult tal-Madonna jieħu post iktar ċentrali. Din l-opra hi *I Gioelli della Madonna* (1911) ta' Ermanno Wolf-Ferrari (1876 - 1948). Wolf-Ferrari kien kompożitur Taljan ġenerazzjoni iżgħar minn Puccini, u fi żmienu kiseb fama għall-opri tiegħu.

*I Gioelli della Madonna* hija opra traġika li tiżvolġi f'Napli propju waqt festa tal-Madonna. Maliella hija tfajla sabiħa li tisraq qalb żewġt irġiel: Raffaele, kap tal-Kamorra, u Gennaro, ħaddied umli. Raffaele jiftaħar li hu ser ikun l-ewwel raġel li jirbaħ lil Maliella, u waqt li tkun għaddejja l-purċissjoni bil-Madonna, jiftaħar magħha li lest saħansitra jisraq

il-ġawhar tal-Madonna u jlibbisomlha, basta hi tkun tiegħu. Maliella bejn tibża u bejn tieħu gost b'dak li wegħdha Raffaele.

Gennaro jsir jaf b'dan, u f'att ta' ġenn, mogħmi bl-imħabba, jwettaq l-att faħxi li jisraq il-ġawhar minn madwar il-Madonna u jagħtihom lil Maliella. Maliella tispiċċa taqa' għalih, iżda mal-ewwel jiddispjaċiha u tmur tiġri għand Rafaele. Hi ssibu jixxala ma' sħabu l-Kamorristi, iżda kif tidħol tinfaqa' tibki u tqerrlu li marret ma' Gennaro. Raffaele jinkorla u jixħitha mal-art quddiem kulħadd. Minn ġol-mant tagħha jaqgħu l-ġawhar tal-Madonna li kulħadd jgħaraf.

F'dak il-ħin jasal Gennaro, iżda jsib konfużjoni. Minkejja li huma banda ta' kriminali, l-Kamorristi jindunaw bis-sagrileġġ li sar, u jaħarbu fost ħafna għajjat u xegħir. Maliella f'disperazzjoni taħrab lejn il-baħar u tgħarraq lilha nnifisha, filwaqt li Gennaro jneħħi ħajjtu b'sejf.

Din l-opra hi waħda qawwija ħafna, u turi r-riverenza li kien hemm fi ħdan il-kultura Taljana lejn il-kult Marjan. It-traġedja finali hija riżultat tas-sagrileġġ li twettaq; sagrileġġ li lanqas il-Kamorristi, grupp ta' kriminali bla skrupli, ma kienu jaslu jagħmlu.

Fl-1939 faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, gwerra li poġġiet lill-Italja fiċ-ċentru tat-taqbid. Mhux talli dan waqqaf ħesrem ħafna attivitajiet kulturali, iżda talli wara l-gwerra it-trawma li kien għaddha minnu l-pajjiż spiċċa qered il-ġeneru tal-opra kważi għall-kollox. L-Ewropa ta' wara l-gwerra kellha taffaċja sfidi oħra, fosthom il-Gwerra Bierda, sfidi li ġew affaċjati minn ġenerazzjonijiet ġodda t'artisti b'modi differenti. Iżda minkejja dan, l-opra Taljana ħallietilna wirt għani b'mużika mill-isbaħ, u xeni li jagħmlu riferenza għall-kult Marjan li huma wħud mill-aktar mumenti memorabbli fir-repertorju operistiku.


